# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR JOSEPH D. CAMILLERI, B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 15 ta' Jannar, 2002**

**Numru 7**

**Cit. Nru. 1229/92 GCD**

**Peter Sultana**

**vs**

**Anthony Abela Caruana**

**Is-sentenza appellata**

Fis-6 ta' Gunju, 1997, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ppronunzjat is-segwenti sentenza li biha llikwidat ammont ta' danni dovuti lill-attur b'kumpens ghal debilita' permanenti konsegwenzjali ghall-incident stradali.

> "F'din il-kawza l-attur qieghed jitlob id-danni talli wegga' f'incident li gara fis-16 ta' Gunju 1989 fil-mitjar ta' Hal Luqa.

L-attur qed ighid li dak in-nhar, waqt li hu kien qed isuq *van* u l-konvenut kien qed isuq *belt conveyor*, il-konvenut, bi traskuragni, habat mieghu u weggghu. Minhabba f'hekk l-attur sofra debilità fizika li minnha ma jfiqx, u din tnaqqaslu s-setgha li jahdem bi qligh. Ghalhekk qieghed jitlob li l-qorti, wara li tghid li l-konvenut jahti ghal dak li gara, tghid kemm huma d-danni u tikkundanna lill-konvenut ihallas dawn id-danni, flimkien ma' l-imghax u l-ispejjez.

Il-konvenut ressaq dawn l-eccezzjonijiet:

1. L-ewwel talba (dik ghal dikjarazzjoni tar-responsabbiltà tal-konvenut) saret ghal-xejn, billi l-konvenut u l-assikuraturi tieghu qatt ma cahdu li kien il-konvenut li jahti ghal dak li gara; u

2. It-talbiet l-ohra (ghal-likwidazzjoni u hlas ta' danni) ma ghandhomx jintlaqghu ghax l-attur ma ghandu ebda disabilità minhabba fl-incident.

Ghalhekk, billi l-konvenut qieghed jistqarr li tassew li l-htija hija tieghu, kull ma rridu naraw f'din il-kawza huwa jekk l-attur sofriex danni u, jekk iva, kemm huma dawn id-danni.

Sabiex tara jekk l-attur ghandux disabilità permanenti minhabba fl-incident, il-qorti hatret espert mediku u esperti addizzjonali. L-ewwel espert, il-Professur Carmel Apap Bologna, irrelata fis-seduta tat-18 ta' Marzu 1994 u xehed illi, wara li ra lill-attur, huwa tal-fehma li d-disabilità permanenti tieghu hija ta' ghoxrin fil-mija (20%). Il-periti addizzjonali, Dr Joseph Louis Grech, Prof. Victor Griffiths, u Dr Carmelo Sciberras, irrelataw fl-14 ta' Dicembru 1995, wara li wkoll raw lill-attur, u dawn l-esperti huma tal-fehma li d-disabilità permanenti tieghu hija ta' ghaxra fil-mija (10%).

Kemm l-ewwel espert kif ukoll dawk addizzjonali sabu element psikologiku fid-disabilità ta' l-attur. Madankollu, l-esperti xehdu wkoll li, jekk hemm xi element ta' esaggerazzjoni fil-mod kif l-attur fissrilhom is-sintomi tieghu, dan il-fattur qisuh ukoll, u ghalhekk fil-figura ta' ghaxra fil-mija (10%) li waslu ghaliha l-esperti addizzjonali huwa gà mnaqqas l-element ta' "esaggerazzjoni" li huwa naturali f'min isofri trawma bhal ma gralu l-attur. Ghalhekk qed ighid hazin il-konvenut, fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu prezentata fit-30 ta' Di`embru 1996, li "l-ghaxra fil-mija assessjata mill-periti medi`i tikkomprendi element qawwi ta' esagerazzjoni".

L-espert addizzjonali Prof. Griffiths xehed ukoll li, ghalkemm huwa minnu li s-sintomi ta' l-attur huma aktarx psikologici milli

organici, madankollu s-sintomi huma xejn inqas reali u ma jidhirx li l-attur jista' jfieq minnhom, u ma kienx hemm indikazzjonijiet li l-attur kien qieghed jaghmel simulazzjoni ta' sintomi.

Fi kliem iehor, ukoll jekk is-sintomi ta' l-attur ghandhom aktar mill-"psikologiku" milli mill-"organiku", xorta huma sintomi li tassew ihallu effett fuqu, fuq is-setghat tieghu, fuq il-mod kif ihares lejh innifsu u, ghalhekk, fuq il-kapacità tieghu li jahdem u li jimxi 'l quddiem fix-xoghol tieghu. Ihallu, ghalhekk ukoll, effett fuq dak li jinteressana f'din il-kawza: is-setgha tieghu li jaqla' l-flus. Dawn is-sintimu nholqu minhabba l-incident, u ghalhekk kien l-incident il-kawza diretta tat-telf li qed igarrab l-attur.

Billi l-incident issa ilu ftit ta' snin — mis-16 ta' Gunju 1989 — li gara, nistghu ukoll naraw l-effett ta' l-incident fuq id-dhul ta' l-attur minn perspettiva aktar konkreta u mhux biss ta' previzjoni. Jekk inqisu d-dhul ta' l-attur imqabbel ma' dak ta' impjegati fl-istess grad tieghu, kif muri fit-tabella migjuba hawn taht, li hi mibnija fuq taghrif moghti minn Joe Abdilla, *personnel manager* ma' *Air Supplies & Catering Company Limited*, li maghhom jahdem l-attur, naraw illi n-nuqqas fid-dhul tieghu huwa x'aktarx sostanzjali, u fl-ahhar tliet snin li ghalihom ghandna c-cifri n-nuqqas ma kienx anqas minn elf u hames mitt lira (Lm1,500) fis-sena.

| Sena ⇒<br>Impjegat ⇓ | 1991 | 1992 | 1993 | 1994 | 1995 |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | |
| A | 3,591.69 | 3,845.33 | 5,619.04 | 5,200.74 | 5,342.78 |
| B | 3,075.33 | 3,217.89 | 4,496.61 | 4,209.85 | 4,266.07 |
| C | 3,519.30 | 3,617.08 | 5,209.54 | 4,906.76 | 5,169.37 |
| D | 3,676.94 | 3,665.33 | 5,523.26 | 5,491.91 | 5,506.09 |
| E | | 2,955.71 | 4,645.17 | 4,273.47 | 4,633.74 |
| F | | 2,761.56 | 4,729.06 | 4,293.18 | 4,618.85 |
| Medja ta' l-impjegati l-o]ra | 3,465.82 | 3,343.82 | 5,037.11 | 4,729.32 | 4,922.82 |
| L-attur | 2,633.36 | 2,737.22 | 3,381.84 | 3,179.20 | 3,373.79 |
| Differenza fil-qlig] mill-medja | 832.46 | 606.60 | 1,655.27 | 1,550.12 | 1,549.03 |

(Tabella li turi l-qligh ta' l-attur imqabbel ma' dak ta' haddiema ohra fl-istess grad).

Wara li qieset dan kollu, il-qorti hija tal-fehma li l-*lucrum cessans* ta' l-attur ghandu jkun likwidat fis-somma ta' elf u hames mitt lira (Lm1,500) fis-sena.

Meta l-attur halef id-dikjarazzjoni tieghu n-numru tal-karta ta' l-identità tieghu gie muri bhala 792444(M). Dan ifisser li twieled fl-1944 u ghalhekk meta korra fl-1989 kellu hamsa u erbghin

sena. Ghalhekk *multiplier* xieraq ghall-ghanijiet tal-likwid-azzjoni tal-*lucrum cessans* ikun ta' tnax-il sena. Jekk nimmultiplikaw it-telf ta' kull sena b'dan il-*multiplier* ikolna rizultat ta' tmintax-il elf lira (Lm18,000), u jekk innaqqsu ghoxrin fil-mija (20%) biex inpattu talli l-attur sejjer jiehu dan il-qligh kollu f'salt (*lump sum payment*) jifdal erbatax-il elf u erba' mitt lira (Lm14,400). Dan huwa l-*lucrum cessans* ta' l-attur.

L-attur talab ukoll *damnum emergens*, izda dwar dan ma ressaqx xiehda, u ghalhekk il-qorti ma tistax tghid li kien hemm din ix-xorta ta' danni.

Fl-ahharnett tibqa' l-kwistjoni ta' l-ispejjez. Il-konvenut stqarr li kien gà ammetta l-htija tieghu, u ghalhekk l-ewwel talba saret ghalxejn. Barra minn hekk, l-attur ma weriex li, qabel ma fetah din il-kawza, kien sejjah lill-konvenut biex jaghmel tajjeb ghall-hsara; li kieku ghamel hekk ir-responsabbiltà tal-konvenut kienet tkun stabilita minn qabel, u ma kienx ikun hemm htiega li l-ewwel talba ssir gudizzjarjament.

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha, il-qorti taqta' l-kawza hekk:

Wara li rat l-istqarrija ta' htija tal-konvenut, ma tqisx l-ewwel talba ta' l-attur; u l-ispejjez ta' din it-talba jhallashom l-attur stess.

Tilqa' t-tieni talba billi tghid li d-danni ta' l-attur huma ta' erbatax-il elf u erba' mitt lira (Lm14,400), u tilqa' t-tielet talba billi tikkundanna lill-konvenut ihallas din is-somma lill-attur. Billi dan huwa, ghallinqas *in parte*, qligh futur, l-imghaxijiet jibdew ighaddu millum.

L-ispejjez tal-kawza, hlief dawk ta' l-ewwel talba, ihallashom il-konvenut".

## **<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

Il-konvenut appella minn din is-sentenza. Kif hu apparenti mis-sentenza appena citata, il-konvenut jammetti r-responsabilita' tieghu ghall-akkadut u qieghed jikkontesta biss id-danni reklamati bhala konsegwenza tieghu. Infatti fir-rikors ta' l-appell il-konvenut jillimita l-aggravju tieghu ghax-xorta ta' disabilita' allegatament sofferta mill-attur

u l-apprezzament  taghha mill-esperti medici nominati mill-Qorti u jissottometti aggravju ta' natura guridika suggerit mill-fattispecie partikolari tal-kaz taht ezami.

Fir-rigward imbaghad tal-likwidazzjoni tal-quantum kompensazzjonali, l-aggravju ta' l-appellant ma jirrigwardax il-mod kif l-ewwel Qorti kkomputat id-danni abbazi ta' kriterji ormai tradizzjonalment stabbiliti. Ma jikkontestax l-ammont ta' paga li fuqu l-ewwel Qorti ikkomputat l-ammont ta' danni, u lanqas il-multiplier adottat.  Hu effettivment jissottometti li, jekk ma setghax ikun hemm eskluzzjoni totali ta' rizarciment, allura, f'sitwazzjonijiet bhal dawk taht ezami, kien ikun aktar ekwu li ssir likwidazzjoni bazata "arbitrio boni viri" u mhux bl-applikazzjoni tal-kriterji soliti li ttendi  "li tinflazzjona rizarciment anke fejn dan m'huwiex misthoqq jew aspettat".  Dan l-aggravju fil-prattika kien jistrieh ghal kollox fuq l-adozzjoni da parti tal-Qorti tas-sottomissjonijiet ta' l-appellant fir-rigward tax-xorta ta' debilita' u jekk din setghetx rejalment titqies bhala wahda permanenti "li tirrifletti menomazzjoni pozittiva attwali fil-kapacita' lavorattiva futura ta' l-appellat".

Hi l-fehma tal-Qorti li jekk l-lanjanza ta' l-appellant fir-rigward ta' dan l-aspett vitali tal-vertenza ma tigix akkolta, din il-Qorti ma jidhrilhiex li jkun sewwa li tiddipartixxi minn dik li hija gurisprudenza sallum kostanti ta'

dawn il-qrati fir-rigward tal-metodologija li kellha tirregola l-likwidazzjoni tad-danni fuq il-persuna.

Quddiem din il-Qorti l-appellant rega' rribatta dak kollu illi sostna quddiem l-ewwel Qorti fir-rigward tal-konkluzzjonijiet ta' l-esperti medici minnha nominati biex jivverifikaw l-lezjoni permanenti li l-appellat kien qed jilmenta minnha u biex jekk tirrizultalhom, jikkwantifikawha. Is-sottomissjoni ta' l-appellant in sintesi hi li meta jigi marbul sewwa ir-rapport mediku u l-kummenti ta' l-espert principali msejjah in eskussjoni, certament persuna medika kwalifikata u kompetenti, wiehed jinnota "is-sommiljanza sorprendenti li joffri l-kwadru tas-sintomi ta' l-attur ma' dak enfasizzat awtorevolment minn J.E. Woodyard R.R.C.S., Consultant Orthopaedic Surgeon fil-monografija tieghu "Diagnosis and Prognosis in compensation claims" li kopja tieghu hi esebita fl-atti processwali". L-appellant jistrieh fuq din l-awtorita' biex jargumenta li dan hu kaz klassiku ta' "compensation syndrome" li bazikament hi kondizzjoni psikjatrika provokata mill-incident li tkun pero' motivata, anke jekk mhux konxjament, mill-prospett ta' qliegh finanzjarju. In linea ta' rizarciment ta' danni dawn il-pazjenti "show signs and symptoms that are out of proportion or even unrelated to the injury to which they are attributed .............A definition of compensation syndromes is this: they are a group of allied conditions which (a) follow injury or disease when the patient believes that there is a reasonable hope of financial

compensation; and (b) show a mixture of organic and psychiatric complaints and disability which lack obvious connection with the pathology or are out of proportion to it".

Fil-psikjatrija gew identifikati tlett kondizzjonijiet inter relatati li jikkomprendu il-"compensation syndrome". Dawn huma (a) l-esagerazzjoni tas-sintomi "the deliberate overemphasis of general symptoms and disabilities that may now even be admitted to be absent"; (b) "compensation neurosis" definita bhala "a genuine psychatric condition which in the absence of a compensation claim might well be regarded as hysteria ..........the signs are a mixture of organic and psychiatric"; u (c) malingering, u cioe' "the deliberate imitation of disease or disability for gain, financial in most cases........ it is exaggeration carried to extremes, the motivation being fraudulent". Allegazzjoni din ta' l-ahhar li, fil-kaz taht ezami, ma tirrizultax, u lanqas verament ma hi allegata.

Kien hemm zewg fatturi li rrizultaw sinifikattivi bhala rizultat tar-ricerka fil-materja. L-ewwel wiehed hu illi "patients who had had spinal injuries were more likely to have residual symptoms, even without previous back or neck trouble" u "settlement of the legal case is usually stated to encourage remission of symptoms and return to work, and no doubt less so when the job is still available".

L-appellant allura jissottometti li l-provi klinici ghad-disposizzjoni ta' l-esperti medici kellhom iwassalu ghall-konvinciment illi l-attur appellat mhux veru li sofra debilita' permanenti fuq il-persuna tieghu, u li hu kien qieghed ibati minn "compensation syndrome" li kien wisq probabbli tizvanixxi appena tigi determinata l-kawza. Din il-Qorti tikkonfessa li l-aggravju ta' l-appellant kif sostnut mill-awtorita' medika li fuqha qed jistrieh, tipprezenta certa diffikulta. Mhux lanqas minhabba li l-fattispecie tal-kaz kienu sewwa jinkwadraw ruhhom fir-ricerka medika li tat ir-rizultat appena accennat. L-appellant pero' qieghed jistieden lil din il-Qorti li tmur kontra l-opinjoni awtorevoli ta' erba' esperti medici li lkoll qablu bhala fatt illi l-attur kien, bhala konsegwenza diretta ta' l-incident, baqa' isofri u kien ser jibqa' jsofri debilita' permanenti kwantifikata finalment mill-periti addizzjonali fil-grad ta' 10%. Ma hemmx ghalfejn jinghad li d-debilita' permanenti ma kienx necessarju li tkun wahda fizika li timmenoma l-persuna fil-possibilitajiet tieghu ta' xoghol minhabba limitazzjoni fil-funzjoni ta' xi organu. Setghet ukoll tkun debilita' psikika li timmanifesta ruhha f'kondizzjoni li negattivament tinfluwenza l-kapacita' ghax-xoghol ta' l-individwu. Li kien mehtieg pero' anke f'dan il-kaz, hu li jigi stabbilit lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli li tali debilita' kawzata minn deblita' psikika tkun direttament kawzata mill-incident li ghalih kien responsabbli l-konvenut, u inoltre, li d-disabilita' tkun wahda permanenti. Fir-rigward ta' l-ezistenza tal-kondizzjoni, ma

tantx jidher li hemm kontestazzjoni. Lanqas jidher li hu mqieghed fid-dubju l-fatt li tali disabilita' kienet ir-rizultat dirett u konsegwenza ta' l-incident de quo. Lanqas ma jirrizulta kontestat il-grad ta' debilita'. Li hu pero' certament kontestata hi l-permanenza taghha inkwantu l-appellant qed isostni li "mal-hlas ricevut bhala kumpens tizvanixxi l-permanenza u tarresta ruhha d-disabilita'".

L-appellant jissottometti li d-danni rekuperabbli f'kazi ta' delitti jew kwazi delitti kellhom ikunu biss dawk li jidderivu necessarjament mill-fatt kolpuz u dana fuq l-iskorta tal-massima "in iure non remota causa sed proxima spectatur". Hu jinsisti allura li dak li allegatament qed isofri minnu l-appellat kienu biss sintomi immaginarji u mhux determinabbli minn accertamenti attwali, xjentifici u medici. Is-suggeriment ta' l-appellant donnu jimplika li d-danni minn debilta' fizika attwali ma kienux, jew ma setghux jinkludu wkoll danni rizultanti minn debilita' psikika provokata mill-incident, ghaliex dan ma kienx facilment verifikabbli u seta' johloq sitwazzjonijiet li jaghtu lok ghal reklami fittizji u immaginarji. Din il-Qorti naturalment ma tistax taqbel ma' sottomissjoni ta' din ix-xorta. Filwaqt li tirrikonoxxi d-diffikulta' tal-prova f'dan il-kamp, hi certament ma tistax teskludi illi jezistu sitwazzjonijiet fejn il-hsara provokata minn incident, anke stradali, ma tkunx daqstant fizika daqs kemm psisikika. Tqis inoltre li filwaqt li jista' jkun li jkun hemm hsara fizika li ma tkunx ta' natura permanenti, mhux eskluz li tali hsara setghet

tipprovoka debilita' psikologika permanenti li tista' wkoll tkun kwantifikata f'telf ta' qliegh futur. Bizzejjed jitqies il-kaz ta' tfajla li ssofri sfregju f'wiccha li jkun biz-zmien rimedjabbli, imma li jaffettwalha permanentement l-psike taghha.

Il-problema allura rejalment tirrizolvi ruhha f'wahda ta' apprezzament u valorizzazzjoni tal-provi mil-lat mediku. F'dan il-qasam il-Qorti kellha necessarjament tistrieh fuq il-fehma konsidrata ta' professjonisti kwalifikati ta' esperti in materja. Fil-kaz taht ezami l-ewwel Qorti kellha l-assistenza ta' opinjoni teknika mill-aktar kwalifikata. Tinnota wkoll illi l-esperti kienu pjenament a konoxxenza tal-kondizzjonijiet partikolari li ghalihom l-abbli difensur tal-konvenut ghamel riferenza, u f'dan ir-rigward jakkwista mportanza determinanti r-rapport tal-periti addizzjonali minn tlieta fost l-aqwa esperti medici fil-pajjiz, b'esperjenza vasta anke f'xoghol gudizzjarju. Dawn hekk ikkonkludew: "Mill-ezami taghna kollu fuq Peter Sultana, ahna nsibu kwadru komplikat, u tista' ssejjahlu wkoll "bizarr" billi ma jistawx nattribwuh ghal ebda kwadru specifiku ta' lezjoni fizika u organika kemm ortopedika jew vaskolari jew newrologika. B'dana kollu Sultana, kif jipprezenta ruhu lilna llum, jidher bniedem li ghandu disabilita' vera u propja li qeghda tfixklu fil-hajja tieghu ta' kuljum u fix-xoghol. Ukoll meta niehdu fil-konsiderazzjoni dak l-element ta' ezagerazzjoni li ftit jew wisq ahna mdorrijin insibu kwazi f'kull pazjent li sofra xi korriment, <u>fl-opinjoni unanima taghna</u> Sultana

jsofri minn disabilita' psikologika iktar milli organika. "Issa li ghaddew sitt snin mill-accident" ahna nqisu li d-disabilita' hija permanenti u d-disabilita' originat mill-istess accident tas-16 ta' Gunju, 1989. Ahna nistmaw id-disabilita' permanenti ta' Peter Sultana fil-grad ta' 10%". In eskussjoni l-Professur Victor Griffiths mhux biss irribadixxa din il-konkluzzjoni imma wera b'mod l-aktar car li l-esperti kienu pjenament konxji mhux biss mill-izviluppi tar-ricerka in materja ta' "compensation syndromes" li fuqha l-appellant qed jibbaza l-appell tieghu, imma wkoll li huma apprezzaw ir-rizultanzi fil-kaz taht ezami taghhom fid-dawl ta' din ir-ricerka anke in rigward tal-permanenza tad-debilita' riskontrata.

Mhux il-kaz li din il-Qorti hawnhekk tirriproduci d-deposizzjoni ta' dan l-espert in eskussjoni. Hu bizzejjed li hekk tillimita ruhha biex tinnota li l-eskussjoni saret b'mod minuzzjuz fuq kull aspett tad-diagnosi u prognosi u talbiet ghal kumpens f'sitwazzjonijiet simili kif elaborati fil-monografija li ghaliha saret fuq riferenza. L-espert bl-ebda mod ma ibbacilla jew wera ruhu dubjuz ghar-rigward tal-konkluzzjonijiet raggunti mill-esperti li nvestigaw il-kaz u kategorikament eskluda l-possibilita' ta' simulazzjoni da parti tad-danneggjat u indika illi fl-investigazzjoni taghhom huma kienu konxji ta' din il-possibilita' u hadu allura hsieb jaccertaw ruhhom minn dan l-aspett vitali tal-kwistjoni.

Din il-Qorti hi allura sodisfatta illi l-esperti medici li, bir-relazzjoni taghhom ipprovdew lill-ewwel Qorti bi prova kemm ta' l-ezistenza tad-debilita' permanenti, kif ukoll tal-grad taghha, kienu ghal kollox ghall-korrenti ta' l-aggravju issa sottomess formalment quddiem din il-Qorti u ma kellhiex allura raguni ghaliex tiddubita mill-validita' ta' dik il-prova. Il-Qorti wkoll ma tistax ma tinnotax li l-esperti addizzjonali applikaw gustament il-moderazzjoni indikata fic-cirkostanzi, anki tenut kont ta' l-incertezzi li l-kaz kien jipprezenta u dan hu rifless fil-grad ta' dizabilita' minnhom finalment stabbilit.

Il-Qorti tirrileva wkoll li mill-atti jirrizulta li minbarra r-relazzjonijiet peritali mill-erba' professuri f'din il-kawza, l-appellat kien gie ukoll investigat minn diversi specjalisti medici ohra li waslu wkoll ghall-istess konkluzzjoni li rrelataw sahansitra grad ta' dizabilita' ferm superjuri ghal dik determinata mill-esperti periti addizzjonali. Issir riferenza per ezempju ghad-dokument a fol. 19 tal-process fejn hu dikjarat li l-konvenut kien gie certifikat li kellu dizabilita' permanenti ta' 20% - ekwivalenti ghal dik li wasal ghaliha l-ewwel perit gudizzjarju, u cioe' il-kirurgu Dr. C. Apap Bologna, mis-segwenti tobba Dr. Anton Felice, il-Professur Grixti, il-Professur Zammit Maempel, il-Professur Casaletto, il-Professur Tabakov u l-Professur Curran. Rinfaccjata b'dawn il-provi unanimi fir-rigward tad-debilita' permanenti, anke jekk mhux fir-rigward

tal-gravita' taghha, din il-Qorti difficilment tista' tasal ghall-konkluzzjoni diversa minn dik li waslet ghaliha l-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata bl-ispejjez kontra l-appellant. Fic-cirkostanzi l-Qorti tiddetermina li l-imghax fuq il-kapital likwidat kellhom jibdew jiddekorru mil-lum, stante d-diffikulta li l-mertu kien jirrapprezenta u li kien pjenament jiggustifika l-introduzzjoni ta' l-appell da parti tal-konvenut appellant.

Dep/Reg

mm